

**Brussell, 26 ta' April 2021
(OR. en)**

8148/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0231(COD)**

COMPET 283	SAN 239
MI 279	DENLEG 25
IND 99	PHYTOSAN 12
CONSOM 98	SEMENCES 19
JUSTCIV 70	STATIS 19
AGRI 189	ECOFIN 382
AGRIFIN 48	CADREFIN 195
VETER 29	CODEC 579
AGRILEG 81	

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' April 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 218 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill rigward l-adozzjoni ta' Regolament li jstabbilixxi l-“Programm għas-Suq Uniku” għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, tal-annimali, tal-ikel u tal-għalf u għall-istatistika Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 218 final.

Mehmuż: COM(2021) 218 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.4.2021
COM(2021) 218 final

2018/0231 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill rigward l-adozzjoni ta' Regolament li jistabbilixxi l-“Programm għas-Suq Uniku” għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, tal-annimali, tal-ikel u tal-għalf u għall-istatistika Ewropea

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill rigward l-adozzjoni ta' Regolament li jstabbilixxi l-“Programm għas-Suq Uniku” għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, tal-annimali, tal-ikel u tal-ġhalf u għall-istatistika Ewropea

1. KUNTEST

Data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

is-7 ta' Ġunju 2018

(id-dokument COM(2018) 441 final – 2018/0231 COD):

Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:

is-17 ta' Ottubru 2018

Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari:

it-12 ta' Frar 2019

Data li fiha ntbagħtet il-proposta emendata:

Mhux Applikabbli

Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:

it-13 ta' April 2021

2. OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Sa mill-bidu tiegħu, is-suq intern kien kontributor ewlieni għat-*tkabbir*, għall-kompetittività u għall-impjiegi u għen fil-*ħolqien* tal-impjiegi u offra għażla akbar lill-konsumaturi bi prezzijiet aktar baxxi. Filwaqt li jkompli jkun mutur għall-*bini* ta' ekonomija aktar b'*saħħitha*, aktar *ibbilanċjata* u aktar *ġusta*, jeħtieġ li jadatta kontinwament għal ambjent li qed jinbidel malajr ikkaratterizzat minn rivoluzzjoni *diġitali* u *globalizzazzjoni*. Dan johlq sfida sinifikanti għar-regolamentazzjoni u għall-*infurzar*.

Il-Programm għas-Suq Uniku jgħbor flimkien l-attivitajiet *iffinanzjati* taħt sitt programmi *preċedenti* fl-*oqsma* tal-kompetittività tal-*intrapriżi*, il-*protezzjoni* tal-konsumaturi u tal-*utenti finali* tas-servizzi *finanzjarji*, ir-*rapportar* *finanzjarju* u l-*istandards* tal-*awditjar*, il-*katina* *alimentari* u l-*istatistika* Ewropea. Il-Programm għas-Suq Uniku jinkludi wkoll l-attivitajiet li qabel kienu *fffinanzjati* direttament taħt is-suq intern u linji baġitarji oħra relatati bħall-*istandardizzazzjoni* Ewropea u s-*sorveljanza* tas-suq u l-*implimentazzjoni* u l-*iżvilupp* tas-suq intern għas-servizzi *finanzjarji*, kif ukoll *azzjonijiet* *għodda* li għandhom l-*għan* li jtejbu l-*funzjonament* tas-suq intern, bħal *pereżempju* fil-qasam tal-*infurzar* tar-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni.

Dawn l-attivitajiet kollha huma magħqudin permezz tal-*objettivi* *kondiviżi* tagħhom li jirregolaw, jimplimentaw, jiffaċilitaw, jinfurzaw u jiproteġu diversi *attivitajiet* u *atturi* fi *ħdan* is-suq intern; u li jippreservaw suq intern li jkompli jiffunzjona mingħajr *interruzzjoni*.

Dawk l-attivitajiet kollha huma essenzjali għal suq intern li jiffunzjona tajjeb u l-kontinwazzjoni tal-appoġġ finanzjarju tagħhom hija meħtieġa. Il-Programm propost jipprevedi l-kontinwità tad-diversi azzjonijiet preċedenti filwaqt li jissimplifika u jisfrutta s-sinerġiji bejniethom.

B'referenza għall-istatistika Ewropea, il-Programm jissostitwixxi l-Programm Ewropew tal-Istatistika preċedenti billi jistabbilixxi l-qafas finanzjarju għall-provvista ta' statistika Ewropea ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli li tirfed id-disinn, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki kollha tal-Unjoni. Irid jiġi enfasizzat li, għalkemm bla dubju ta' xejn tikkontribwixxi għat-twassil tal-politiki tas-suq intern, l-istatistika Ewropea għandha kamp ta' applikazzjoni ferm usa' mis-suq intern peress li sservi l-politiki kollha tal-Unjoni.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill kif adottata fl-ewwel qari tirrifletti bis-sħiħ il-ftehim provviżorju li ntlaħaq fit-trilogu bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, kif konkluż fit-8 ta' Diċembru 2020. Il-punti ewlenin ta' dan il-ftehim jinkludu dawn li ġejjin:

- **Durata tal-Programm:** Il-Programm huwa stabbilit għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027 u d-durata tiegħu hija allinjata mad-durata tal-QFP.
- **Assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm:** Il-koleġiżlaturi qablu li l-kostijiet totali tal-appoġġ amministrattiv u tekniku ma għandux jaqbeż il-5 % tal-valur tal-pakkett finanzjarju globali disponibbli għall-implimentazzjoni tal-Programm.
- **Benefiċjarji deżinjati li jirrappreżentaw l-interess tal-konsumaturi fil-livell tal-Unjoni:** Ġie miftiehem li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati fir-rigward tar-rappreżentanza tal-interess tal-konsumaturi fil-livell tal-Unjoni biex temenda l-lista ta' entitajiet li jistgħu jingħataw għotja taħt il-Programm mingħajr sejħa għal proposti.
- **Laboratorji ta' referenza nazzjonali bħala benefiċjarji deżinjati, u l-akkreditazzjoni tagħhom:** Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Istati Membri li jipprovdu riżorsi finanzjarji xierqa għal-laboratorji ta' referenza nazzjonali għas-saħħa tal-pjanti u għal-laboratorji ta' referenza nazzjonali għas-saħħa tal-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625, intlaħaq ftehim dwar il-possibbiltà li daww il-laboratorji jibbenefikaw bħala benefiċjarji deżinjati minn għotjiet mogħtija taħt il-Programm jekk l-azzjonijiet ta' daww il-laboratorji jirrappreżentaw valur miżjud tal-Unjoni u jekk ikun hemm biżżejjed finanzjament disponibbli taħt il-Programm.
- **Regoli ta' kofinanzjament fil-qasam tal-pjanti, tal-annimali, tal-ikel u tal-għalf:** Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew qablu dwar rata fissa ta' kofinanzjament ta' 50 %, li eċċezjonalment tiżdied għal 75 % u 100 % f'ċerti kundizzjonijiet, u dwar dispożizzjoni li tistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi rata ta' kofinanzjament aktar baxxa fejn dan ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' nuqqas ta' fondi, implimentazzjoni insuffiċjenti ta' programm veterinarju u fitosanitarju jew ta' miżuri ta' emerġenza, jew l-eliminazzjoni gradwali tal-kofinanzjament ta' azzjonijiet kontra l-mard tal-annimali jew il-pesti tal-pjanti.

- **Atti delegati, atti ta' implimentazzjoni u kumitati:** Il-koleġiżlaturi qablu li l-programmi ta' ħidma huma adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni maħsuba biex idaħħlu fis-seħħ ir-regoli diġà stabbiliti fl-att bażiku u skont il-leġislazzjoni settorjali relatata fejn applikabbli. Fir-rigward tal-atti delegati, ġie miftiehem li s-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' seba' snin, u li din is-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' durata identika sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni.
- **Retroattività:** Ġie miftiehem li r-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jkun japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Il-Kummissjoni tappoġġa l-ftehim provviżorju milħuq fit-trilogu, li jwitti t-triq għal adozzjoni rapida tal-programm il-ġdid. Il-programm se jgħin biex tissaħħaħ il-governanza tas-suq intern u jippermetti liċ-ċittadini, lin-negozji, lill-konsumaturi u lill-awtoritajiet pubbliċi jaħsdu l-benefiċċji tal-integrazzjoni tas-suq.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni taċċetta l-pożizzjoni meħuda mill-Kunsill, li tirrifletti bis-sħiħ il-ftehim provviżorju milħuq mill-koleġiżlaturi fit-8 ta' Diċembru 2020.